*- DANNI KAWZA TA' HRUQ-*

*-KONTUMACJA HIJA OPPOSIZZJONI -*

*- DISTINZJONI BEJN PROCEDURI KRIMINALI U CIVILI -*

*- ARTIKOLU 3 TAL-KAP 9 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 230/2000/RCP**

**Eliza Company Limited.**

**vs**

**Anthony Sammut.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' territorju kbir ta' art fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, denominat Ta' Snajjsa, Ta' Planta u Tal-Maxxat.

Illi l-konvenut abbuzivament u illegalment approprja ruhhu minn partijet minn din it-territorju minghajr firem u minghajr il-kunsens ta' hadd u bena *garage* kbir u dar, u qed jghid ma kulhadd li s-socjeta' attrici mhix ser jirnexxilha tiehu pussess tal-proprjeta' taghha u qed jhedded lil kull min jersaq lejn dan it-territorju jew jithajjar jakkwista xi parti minnu minghand is-socjeta' attrici.

Illi l-istess konvenut ghamel hsara volontarja fl-imsemmija proprjeta' billi ta n-nar u qered il-wicc tar-raba'.

Illi l-konvenut qed jaghmel qliegh b'qerq minn fuq partijiet ta' din l-art, ghad-dannu tas-socjeta' attrici.

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ntalab jiehu passi kriminali kontra l-konvenut.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' agir abbuziv u illegali msemmi hawn fuq.

(2) Tiddikjarah responsabbli ghad-danni kawzati fil-proprjeta' msemmija li tappartjeni lis-socjeta' attrici.

(3) Tillikwida d-danni kawzati lis-socjeta' attrici.

(4) Tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati u dikjarati bhala dovuti.

(5) Tinibixxi lill-konvenut milli jidhol fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 11 tal-process;

Rat li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' kontumaci u ma ipprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u lanqas deher fil-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Marzu 2000, 14 ta' April 2000, 13 ta' Gunju 2000 u x-xhieda ta' Anthony Galea, Anthony Cuschieri, Pawlu Cutajar, u Karmenu Farrugia; 6 ta' Lulju 2000, 14 ta' Lulju 2000 u 10 ta' Ottubru 2000 fejn jidher li l-process originali ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti, u l-kawza giet differita ghas-26 ta' Ottubru 2000 sabiex l-istess process jigi rintraccat u migjub ghad-disposizzjoni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-26 ta' Ottubru 2000 fejn gie nnutat li l-process baqa' ma nstabx, tad-9 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti ordnat lid-Direttur Generali tidher quddiema sabiex tispjega dan in-nuqqas; tal-14 ta' Dicembru 2000, tal-15 ta' Jannar 2001, fejn id-Direttur Generali innutat li ghalkemm ghamlet diversi tentattivi sabiex jinstab il-process dan baqa' ma nstabx, u Dr. Tonio Azzopardi talab li il-process jigi rikostruwit u din il-Qorti laqghet it-talba, u l-kawza giet differita ghall dan l-iskop ghal-15 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Marzu 2001 u x-xhieda hemm indikati fl-istess verbal a fol. 32 tal-process u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi ghat-12 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tat-12 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza giet differita gha-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza saret mis-socjeta' attrici stante li qed isostni li l-konvenut dahal bla ebda dritt fil-proprjeta' taghha fil-Bahrija deskritta fic-citazzjoni attrici, approprija ruhhu min parti mill-istess art billi bena illegalment *garage* kbir u dar u

ikkawza hsara volontarja fl-istess art billi ta n-nar u qered il-wicc tar-raba u ghalhekk l-istess socjeta' attrici qed titlob li l-istess konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-hsarat, jigi dikjarat responsabbli ghall-agir abbusiv tieghu fejn approprja ruhhu minn parti mill-istess art, u jigi ikkundannat ihallas id-danni lis-socjeta' attrici u fl-ahharnett sabiex il-konvenut jigi inibit milli jidhol fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet akkwistat il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna permezz ta' kuntratt pubbliku ppublikat min-Nutar Tonio Spiteri fit-13 ta' Mejju 1997 u esebit bhala Dok. "RC 1" a fol. 70 tal-process, liema art partijiet minnha kienu suggetti ghall-qbiela verso terzi skond file li inghataw mill-vendituri tal-istess art.

Illi din l-art kellha diversi mnasab, u wkoll duri u l-konvenut kien isostni li kien hemm parti sewwa mill-istess art li kienet tieghu u fil-fatt kien jghid li jikriha huwa stess  lill-diversi kaccaturi u nassaba. Fil-fatt l-istess konvenut jghix f'razzett fuq din l-art ma missieru u ohtu u darba minnhom l-istess konvenut ta n-nar lill-haxix li kien gabar, haraq parti minn sigra tal-harrub u gie akkuzat il-Qorti u kkundannat; f'gurnata ohra l-istess konvenut reggha ta in-nar lill-istess art u dan kien ghall-habta tat-2 ta' Settembru u fil-fatt inharqu mal-200 sal-220 tomna art. Dan kollu jirrizulta mix-xhieda ta' Anthony Galea, Anthony Cuschieri, Pawlu Cutajar u Karmenu Farrugia fix-xhieda taghhom moghtija

fit-30 ta' Gunju 2000 u 15 ta' Marzu 2001, u ta' Charles Micallef, Emanuel Micallef u Mario Giordmaina fil-15 ta' Marzu 2001.

Illi kawza tal-istess hruq gew sofferti s-segwenti hsarat skond stima ppreparata minn Melosaul Balzan ta' Derek Garden Centre u esebit a fol. 67 tal-process :-

(a) Harruba li tiswa Lm250 gie danneggat 15/20 % minnha ghall-valur ta' Lm50.

(b) Zewg sigar tat-tut tal-valur ta' Lm150 il-wahda gie danneggat 15/20% minnhom ghall valur ta' Lm60.

(c) Tnax (12) il-rummiena tal-valur ta' Lm25 il-wahda li gie danneggat 15/20% minnhom ghall-valur ta' Lm60.

(d) Sigra taz-Zebbuga li tiswa Lm400 li gie danneggjat 15/20% minnha ghall-valur ta' Lm80.

(e) Hamsin (50) Eucalyptus li jiswew Lm13 il-wahda ghall-valur ta' Lm650.

(f) Eucalyptus ta' 20 sena li tiswa Lm50 li giet dannegjata 15/20% minna ghall-valur ta' Lm10.

(g) Erbatax (14) il-Tina li jiswew Lm15 il-wahda li gew danneggjati 15/20% li jhallu valur ta' hsara fl-ammont ta' Lm42.

Illi dawn iwassali ghall-total ta' hsara ta' disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm952).

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-art in kwistjoni u ma gie indikat l-ebda titolu li l-istess konvenut jista' jvanta fuq l-istess art u ghalhekk jirrizulta li l-istess konvenut qieghed jaccedi ghall-istess art illegalment u *di piu'* l-bini li bena fuq l-istess art huwa kollu illegali u abbusiv stante li jirrizulta li ma ghandu l-ebda titolu fuq l-istess art, u kwindi l-ebda titolu fuq l-immobbli li huwa ghamel fuq l-istess art, u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi fit-tieni lok jirrizulta li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hruq li sar fl-istess art, stante li mix-xhieda prodotta f'din il-kawza jirrizulta li huwa volontarjament ta n-nar lill-istess art u ikkaguna l-hsara fis-sigar indikati fir-rapport *ex parte* ta' Melosaul Balzan minnu mahluf quddiem in-Nutar John Spiteri fil-24 ta' Ottubru 2000 u li minnu jirrizulta li l-hsara kawza tal-hruq fl-istess sigar kienet tammonta ghall-disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm952), liema danni u provi ma gew bl-ebda mod ikkontestati, u huma fil-fatt korroborati minn diversi xhieda li ingabu quddiem din il-Qorti, li kollha spjegaw l-involviment dirett tal-konvenut fl-istess hruq ta' art. Illi ghalhekk it-tieni, t-tielet u r-raba' talba tac-citazzjoni attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi f'dawn il-konsiderazzjoni din il-Qorti ma tatx kaz tas-sentenzi kriminali esebiti hlief li nnutat l-ezistenza tal-istess

sentenzi, b'dan li l-konsiderazzjonijiet u l-apprezzament tal-provi minn din il-Qorti kien kollu ibbazat fuq il-provi prodotti *viva* voce quddiem din il-Qorti, u dan stante l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali sancita fil-ligi nostrali anke permezz tal-**artikolu 3 tal-Kap 9.**

Illi kwantu ghall-hames (5) talba attrici mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-art in kwistjoni u ma ingabet l-ebda prova li l-istess konvenut ghandu xi dritt fuq l-istess art, anke ghaliex l-istess konvenut qatt ma deher fil-kawza u allura qatt ma ressaq ebda prova rigwardanti xi vantazzjoni ta' titolu. Illi huwa veru li l-kontumacja hija opposizzjoni, pero' huwa veru wkoll li d-decizzjoni trid tkun ibbazzata fuq il-provi li l-istess Qorti ghandha quddiema, u mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi dritt fuq l-istess art, u ghalhekk anke il-hames (5) talba ghanda tigi milquha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici kollha ghandhom jigu milquha.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' agir abbuziv u illegali msemmi hawn fuq.

(2) Tiddikjarah responsabbli ghad-danni kawzati fil-proprjeta' msemmija li tappartjeni lis-socjeta' attrici.

(3) Tillikwida d-danni kkawzati lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm952).

(4) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati u dikjarati bhala dovuti fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm952).

(5) Tinibixxi lill-konvenut milli jidhol fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**